# Bil-Linka Tfawwar

## *Damma Poetika ta' P. Feliċjan Bezzina, O.Carm.*

**minn P. Charlò Camilleri, O.Carm.**






Nhar id-29 ta' Lulju 2022, fis-Sala tal-Konferenzi Marċellin tal-kunvent tal-Karmnu fl-Imdina saret it-tnedija tad-Damma Poetika ta' P. Feliċjan Bezzina, Karmelitan. Din id-Damma Poetika nġabret b'daħla u kummenti minn P. Charlò Camilleri, O.Carm. Il-ktieb, li jikkonsisti minn 758 paġna, jiġbor fih tliet taqsimiet minn għaxra tad-Damma Poetika, u li kollha flimkien jgħoddu 800 poeżija mqassmin tmenin, tmenin f'kull taqsima. P. Feliċjan innifsu kien qed ifassal u jorqom dan il-proġett, kif qal P. Glen Attard, O.Carm., fit-taħdita tal-ftuħ għat-tnedija, "b'mod dettaljat matul ħajja twila fil-kunvent, b'mod speċjali bejn l-1978 u 1998."

L-għaxar taqsimiet huma dawn:

1. Poeżiji Filantropiċi (A)
2. Poeżiji Filantropiċi (B)
3. Poeżiji Filantropiċi (Ċ)
4. Poeżiji Ġurnalistiċi
5. Poeżiji Teoloġiċi
6. Poeżiji Liturġiċi
7. Poeżiji Assjoloġiċi
8. Poeżiji Patrijottiċi
9. Poeżiji Folkloristiċi
10. Poeżiji Kożmoloġiċi

Il-volum *Bil-Linka Tfawwar*, jiġbor fih, b'għażla editorjali, il-poeżiji Teoloġiċi, Assjoloġiċi u Kożmoloġiċi, u dan għaliex skont il-fehma tal-editur, wara li ġew studjati bir-reqqa l-għaxar taqsimiet, l-opra poetika ta' Feliċjan, kif huwa nnifsu wkoll juri fid-daħla li ktieb għall-poeżiji tiegħu, iddur ma' dawn it-tliet veritajiet:
1. kollox jibda, hu, u jibqa' f'Alla (it-taqsima Teoloġika),
2. kollox għandu l-valur tiegħu (it-taqsima Assjoloġika), u
3. kollox għandu sens fir-realtà kumplessa ta' madwarna (it-taqsima Kożmoloġika).
Minn dan li qed ngħidu, il-qarrej jintebaħ mill-ewwel, li hawnhekk ma għandniex biss kitba ta' poeżija, imma għandna viżjoni Filosofika miktuba f'forma poetika, fil-linja tal-poetika aristotelika klassika. P. Feliċjan kien Filosofu. Huwa studja u speċjalizza fil-Filosofija, kien għalliem tagħha, imma wkoll il-Filosofija hu għamilha billi fittex dejjem li jgħarbel ir-realtà kumplessa (jiġifieri d-dinja u l-esperjenzi li jsawru ħajjitna) fit-tiftix tiegħu għall-Verità li tgħaqqad kollox u żżomm kollox, dik li hu jsejħilha r-Realtà. Jidher li P. Feliċjan ried iħallilna warajh viżjoni ta' ħajja f'dinja li hija karatterizzata minn tibdil li ma jieqaf qatt u b'ritmu mgħaġġel. P. Feliċjan ma jiċħadx u lanqas jasal biex jikkundanna dan it-tibdil, għaliex huwa jaf, ta' Filosofu tajjeb li hu, li dik

hija proprju l-karatteristika tar-realtà kumplessa li fiha ngħixu. Kull tradizzjoni Filosofika tinbena fuq l-osservazzjoni ta' din il-verità li xejn ma jibqa' għal dejjem, kollox jinbidel, u proprju għax in-natura tiegħu hija kumplessa. Imma f'dan iċ-ċaqliq kollu hemm Realtà li żżomm kollox flimkien, f'sikktu u fis-sħiħ. Din ir-Realtà li fir-reliġjon insejħulha Alla, li minnu ġej kollox u kollox iżomm fih. Il-kumplessità minnha nnifisha titlob minna, dejjem u f'kull waqt, il-problema ta' kif se nġibu ruħna, kif se ngħixu fiha. U hawn tidħol l-Etika, li ma tfisser xejn ħlief l-arti ta' kif iġġib ruħek b'mod tajjeb, sewwa u ġust fiċ-ċirkustanzi kumplessi li fihom issib lilek innifsek. Dan kollu P. Feliċjan jiġbru fil-Kożmoloġija, l-Assjoloġija u t-Teoloġija. Minn dawn kollha mbagħad joħorġu r-realtajiet l-oħra li huma iktar fattwali bħall-filantropija, il-patrijottiżmu, u l-bqija; temi li P. Feliċjan jittrattahom fit-taqsimiet l-oħra poetiċi tiegħu.

Kif qal tajjeb is-Sur Robert Farrugia dakinhar tat-tnedija, P. Feliċjan għex mal-Filosofija avventura ta' namur fil-linja tal-Filosofi l-kbar, mhux biss tal-qedem. Namur fis-sens ta' namra, ta' mħabba lejn ir-Raġuni wara dak kollu li jeżisti, Ġesù Kristu li, kif tgħidilna l-Iskrittura "bih u għalih sar kollox." Hija din il-verità Filosofiko-Teoloġika li lil P. Feliċjan mexxietu u mlietu "bit-tama li ma tiġix nieqsa." U dan jidher ukoll fl-għażla u t-temperament poetiku li ħalla warajh P. Feliċjan. Kif qal ukoll tajjeb is-Sur David Aloisio, P. Feliċjan, b'differenza minn ħafna poeti Maltin, huwa poeta pożittiv, altruwista, mimli tama. Huwa minnu li huwa dunkarmjan, u allura ma jirriflettix ir-rivoluzzjoni letterarja u poetika tas-snin sittin, iżda mhux b'daqshekk l-opra poetika tiegħu mhijiex valida. Anzi, kif jawgura s-Sur Aloisio, dan il-poeta prolifiku li għadu mhux apprezzat biżżejjed, jeħtieġ li nistaqsu fejn hu postu fil-kanone poetiku ta' pajjiżna. Mill-att poetiku u letterarju, Dr Aloisio jagħrfu bħala l-poeta tal-ħlewwa u tal-pożittività.

Huwa ta' ġieħ mhux biss għal P. Feliċjan, imma wkoll għall-Karmelitani f'Malta li għal darb'oħra qegħdin jikkontribwixxu f'pajjiżna għall-qasam letterarju u kulturali tagħna. Jalla li din il-pubblikazzjoni tiġi milqugħa mhux biss mill-pubbliku inġenerali iżda wkoll minn dawk li jgħożżu l-wirt Malti, u jqanqal kurżità għall-istudju approfondit tal-poetika ta' P. Feliċjan li fi kliem Mons. Lawrenz Sammut, il-ġeneru tagħha huwa rari f'pajjiżna.

**Talb għall-Abbonati u l-Benefatturi**

**Infakkru li f'kull tnejn tax-xahar, fil-knisja l-qadima ta' Santa Venera, issir quddiesa għall-bżonnijiet tal-abbonati u l-benefatturi ħajjin u mejtin ta' *Il-Karmelu*. Nieħdu gost li minn djarkom tingħaqdu magħna fit-talb tagħkom.**

*(Jaqbad minn paġna 5)*

## Mortifikazzjoni

11. Kif tistgħu tifhmu, il-ktieb huwa mimli b'ferm u ferm iktar minn dawn il-ftit kelmiet tiegħi. Huwa mimli b'pariri tajba lil kull bniedem, mogħtija imma b'attenzjoni partikolari. Ma hemmx kliem "awtoritarju" imma kliem li jagħti gwida bi mħabba u fl-għarfien li kull bniedem fil-Karmelu ser jiltaqa' ma' sfidi simili. Fis-sbatax-il-kapitlu jindirizza "The Spirit of Mortification". Ifiehem lil dawk li jinsabu fil-kunvent li kull bniedem jiġi bid-differenzi, bit-temperament, bil-karattru u bl-aġir tiegħu. Iżda huma lkoll strumenti fil-proċess sabiex jgħinuna naslu nibdew it-triq tal-perfezzjoni. Fejn il-persekuzzjoni mhix ta' min jaħrabha imma li jagħraf fiha li tmexxi lill-bniedem sabiex ikollu ferħ ikbar f'qalbu u paċi f'ruħu.

## Aqrawh

12. Ktibt dan l-artiklu mhux biex niġbor dak kollu li dan il-beatu martri Karmelitan kien kiteb. Impossibbli. Ktibtu l-iktar biex inħajjarkom taqrawh. Kitba tajba għal kull żmien, imma b'mod dirett għal min ikun għaddej mill-kalvarju iebes tal-ħajja u b'mod speċjali għal dawk li huma Karmelitani. Nittama li b'xi mod irnexxieli nagħmel dan magħkom u li għalhekk taqrawh intom ukoll.